MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2009

Appell Civili Numru. 1728/1995/1

**Joseph Busuttil**

**v.**

**Angelo Xuereb u AX Construction Limited**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni presentata mill-attur fl-1 ta’ Novembru 1995 li tghid hekk:

“Peress illi l-attur jiġġestixxi r-*restaurant* Don Pepe, li qiegħed f’9A, Pwales Road, Xemxija.

“U peress li l-konvenuti jew min minnhom indahlu sabiex jagħmlu xogħlijiet fis-sistema tad-drenaġġ fil-viċinanzi tar-*restaurant* Don Pepe.

“U peress li l-konvenuti esegwixxew dan ix-xogħol fuq tul ta’ żmien itwal minn dak mistenni u għalqu l-aċċess għar-*restaurant* Don Pepe għal perjodu twil tant li l-istess *restaurant* ma setax jiġi patroċinat mill-pubbliku u klijenti ta’ l-attur.

“U peress li minħabba trakuraġni, negliġenza u nuqqas ta’ kompetenza da parti tal-konvenuti, l-attur sofra danni.

“Jghidu l-konvenuti ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

“1. Tiddikjara li l-konvenuti huma responsabbli għall-ħlas ta’ danni li jikkonsistu f’telf ta’ qligħ mill-attur minħabba traskuraġni, negliġenza u nuqqas ta’ kompetenza da parti tal-konvenuti.

“2. Tillikwida d-danni hekk sofferti mill-attur.

“3. Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-attur is-somma hekk likwidata.

“Bl-ispejjeż u bil-konvenuti nġunti għas-subizzjoni.”

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li in forza taghha eccepew illi;
“1. Illi preliminarjament huwa personalment m’għandux relazzjoni ġuridika ma’ l-attur;

“2. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, is-soċjeta` konvenuta meta wettqet ix-xogħlijiet fis-sistema ta’ drenaġġ fil-viċinanzi tar-*restaurant* ta’ l-attur, imxiet fuq l-istruzzjonijiet li tawha l-uffiċjali tal-gvern li kien il-kuntrattur tagħha;

“3. Illi mhux minnu li s-soċjeta` konvenuta hija responsabbli ta’ xi danni minħabba traskuraġni, negliġenza u nuqqas ta’ kompetenza da parti tagħha.

“Salvi eċċezzjonijiet oħra.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta’ Novembru, 2006, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi:

“......filwaqt li tillibera lill-konvenut personalment mill-osservanza tal-ġudizzju tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħra tas-soċjeta` konvenuta u tilqa’ t-talbiet kollha attriċi u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta’ sitt elef Lira Maltin (Lm6,000). L-ispejjeż tas-kawża jitħallsu mis-soċjeta` konvenuta.”
Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“Illi ma hemmx dubju li s-soċjeta` konvenuta (mhux il-konvenut personalment li allura għandu jinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju għax ix-xogħol sar mis-soċjeta` imsemmija u mhux minnu personalment) kienet moruża fl-adempjiment tax-xogħol li kellha tagħmel skond it-*tender* li rebħet. Dan mhux biss ikkonkludih l-espert tekniku iżda anke jirriżulta mill-provi li l-istess soċjeta` konvenuta kienet ġiet immultata s-somma ta’ elf Lira Maltin (Lm1,000) mill-Gvern għal dan id-dewmien.

“Il-perit ikkonkluda *inter alia* illi; “*Ix-xogħol dam iktar miż-żmien previst u huwa fatt li bid-dewmien Triq il-Pwales baqgħet għal żmien inaċċessibli jew aċċessibli b’diffikulta` minħabba t-trinek li kienu qed jinfetħu, tjun li rriżultaw wara l-maltemp.*”

"Is-soċjeta` konvenuta qed titfa’ t-tort tad-dewmien fuq il-Gvern u tipponta għal diversi nuqqasijiet li skond hi kienu determinanti għad-dewmien. Il-Qorti ma taqbilx ma’ dan ir-raġunament speċjalment mill-*punto di vista* legali. Ix-xogħol sar minnhom u wara li rebħu t-*tender* relattiva; jekk kien hemm xi diffikultajiet infrasttrutturali kellhom jarawh qabel u jekk irriżultawlhom waqt ix-xogħol setgħu jitolbu s-sejħa fil-kawża tad-dipartiment konċernat. Minn dan ma

ġara xejn u jekk għandhom issa xi pretensjoni kontra l-Gvern din tibqa' impreġudikata iżda l-attur mexxa tajjeb fil-konfront tagħhom – u hawn il-Qorti qed tirreferi għas-soċjeta` konvenuta.

"Fir-rigward tal-likwidazzjoni tad-danni dawn it-tip ta' kawżi jippreżentaw ċertu diffikulta` għaliex filwaqt li l-attur ipproduċa l-kontijiet għas-snin imsemmija dawn dejjem jagħtu stampa approssimattiva. L-attur qal li hu kien qed jaqla' ċirka disat elef Lira Maltin (Lm9,000) fl-1993 u wara beda jaqla' ċirka disa' mitt Lira Maltin (Lm900) – għas-snin sakemm tlesta x-xogħol li sa l-1997 kien għadu mhux lest. Ingħata kumpens ta' elf Lira Maltin (Lm1,000) fuq rakkomandazzjoni ta' l-Ombudsman (ara fol. 180). Ma hemmx dubju li l-attur sofra dannu bid-dewmien lamentat minnu u dan għaliex in-negozju tiegħu ma baqax faċilment aċċessibbli. Pero` *nonostante* dan l-ammont eżatt ta' dannu diffiċilment jiġi konstatat anke għaliex mill-atti mhux preċiżat meta l-inkonvenjent tneħħa u barra dan meta negozju jieħu daqqa fl-avvjament mhux faċli li dan jerġa' jiġi f'tiegħu anke jekk il-fatt li jkun tefgħu lura ma jibqax jeżisti.

"Huwa minnu pero` li hemm ċirkostanzi li fihom il-Qorti tillikwida d-danni *arbitrio boni viri* kif ikkumentat din il-Qorti fil-kawża <u>Margaret Camilleri et vs Cargo Handling Company Limited</u> (1560/95 PS) deċiża fit-13 ta' Ottubru, 2004; "*Ma jistax ikun dubitat li hu rikonoxxut lill-ġudikant anke fis-sistema ta' liġi tagħna l-poter diskrezzjonali li jillikwida t-telf u l-qligħ bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwittattiva. Ara a propositu deċiżjoni a Vol XXXV parti iii paġna 615 fejn ġie proprju rikonoxxut fuq l-istregwa ta' dak espress mill-Qorti Taljana tal-Kassazzjoni illi "vi hanno casi in cui non potendosi avere mezzi istruttori e rimesso al magistrato il valutare ex aequo et bono secondo i dettami della suqa ragione e conosciena l'ammontare del danno del risarcimento del quale taluno fu condannato". Indiskutibilment il-ġudikant ma jistax lanqas f'dawn il-każi jipprexxindi mill-fatt li l-parti istanti m'hijiex esonerata mid-dmir li tipprovdi dawk l-elementi probatorji u dak il-fattijiet li tkun taf bihom għall-iskop ta' determinazzjoni tat-telf. Min-naħa tiegħu l-*

*ġudikant hu tenut li jagħti piż debitu lil dawk l-elementi kollha tal-każ konkret akkwisiti fil-proċess. Fi kliem ieħor hu għandu jipprovdi motivazzjoni loġika tal-kriterji ta' l-apprezzament prudenti adottati li juri kif wasal għal likwidazzjoni tal-quantum debeatur.*" Ara f'dan is-sens u fuq dan il-punt id-deċiżjoni riportata a Vol XXIX – i – paġna 1285.

"Għalhekk il-Qorti in vista tac-ċirkustanzi tal-każ tħoss li s-somma li għandha titħallas lill-attur bħala danni, likwidata *bonii virii*, għandha tkun ta' sitt elef Lira Maltin (Lm6,000)"

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenuti prezentat fid-29 ta' Novembru 2006, li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti joghgobha:

"……tirriforma s-sentenza appellata **Cit Nru 1728/95 JA fl-ismijiet "Joseph Busuttil v. Angelo Xuereb u AX Construction Limited"**, deciza fit-13 ta' Novembru 2006 in kwantu tikkonfermaha fejn illiberat lil Angelo Xuereb personalment mill-osservanza tal-Gudizzju u tirrevokaha in kwantu sabet ghar-responsabilita` tas-socjeta` konvenuta u kkundannatha thallas is-somma ta' sitt elef Lira Maltin (Lm6,000) bl-ispejjez u dan billi tilqa' l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti u tichad it-talbiet attrici kontra l-konvenuti kollha bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur."

Rat ir-risposta tal-appell u l-appell incidentali tal-attur tat-2 ta' Jannar 2007 li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premess, talab li din il-Qorti joghgobha:

"Tikkonferma s-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili, Cit Nru 1728/95 JA fl-ismijiet: Joseph Busuttil v. Angelo Xuereb u AX Holdings Ltd moghtija fit-13 ta' Novembru 2006 in kwantu ghad-dikjarazzjoni ta' responsabilita` u tvarjaha u tibdilha fil-kwantum tad-danni sofferti mill-attur billi s-somma moghtija mill-Ewwel Qorti tigi mibdula u awmentata kif jidhrilha xieraq din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet esposti u ohrajn li jigu mqajjma waqt it-trattazzjoni; bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti."

Rat ir-risposta tal-konvenuti ghall-appell incidentali tal-attur li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu biex l-appell incidentali jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet u fl-udjenza tat-13 ta' Jannar 2009;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat;
Illi f'din il-kawza gie allegat mill-attur, sid *restaurant* fi Triq Pwales fix-Xemxija, li minhabba dewmien fix-xoghlijiet li wettqet il-kumpanija konvenuta fl-istess triq, huwa sofra danni rizultanti f'telf ta' qligh peress li ghal hafna zmien ir-*restaurant* tieghu kien inacessibli ghall-klienti jew b'access mhux komodu.

Is-socjeta` konvenuta sostniet li hi ma kkawzat ebda dannu lill-attur, u li jekk damet zzejjed biex tlesti x-xoghol dan kien tort tal-enti governattiva li nkarigata twettaq ix-xoghlijiet in kwisjtoni.

L-ewwel Qorti sabet favur l-attur wara li kkonstatat, bl-ghajnuna ta' perit tekniku minnha nominat, li x-xoghlijiet fil-fatt damu zzejjed u li l-attur verament sofra telf ta' negozju minhabba dawn ix-xoghlijiet. Bhala danni l-Qorti llikwidat is-somma ta' Lm6,000 *arbitrio boni viri* peress li qieset li l-attur ma ressaqx provi cari bizzejjed dwar it-telf li garrab.

Is-socjeta` konvenuta appellat u baqghet tinsisti li hi mhix responsabbli ghad-danni li allegatament sofra l-attur, waqt li l-istess attur appella incidentalment ghax qed isostni li l-ammont ta' danni ghandu jizdied fid-dawl tad-dokumenti li hu ezebixxa.

Trattat l-appell, din il-Qorti tibda biex tiskarta l-attentat tas-socjeta` konvenuta li tipprova titfa' xi htija fuq terzi. La darba dawn it-terzi ma gewx msejha fil-kawza, din il-Qorti ma tistax tadebitalhom ebda parti mill-htija. Kif qalet il-

Prim Awla ta’ Qorti Civili fil-kawza **Fenech noe v. Gauci**, deciza fil-21 ta’ Frar, 1994;

“Il-konvenut ma jista’ jaddebita l-ebda htija fuq terz meta jonqos li jsejjah lil tali persuna fil-kawza. Id-difiza tat-terz injot mhux sostenibbli ghaliex il-kawza hija bejn il-kontendenti u l-ebda parti mit-tort ma tista’ tigi addebitata lil xi hadd li ma hux fil-kawza.”

(ara, fl-istess sens il-kawza, **Borg v. Grima**, deciza minn din il-Qorti fis-6 ta’ Ottubru 1999, u **Middlesea Insurance plc noe v. Geres**, deciza minn din il-Qorti (Sede Inferjuri) fil-15 ta’ Frar, 2006)

Dan ma jfissirx ovvjament, li s-socjeta` konvenuta trid bilfors tinsab responsabbli ghall-akkadut, ghax xorta wahda hemm bzonn li tigi mistharga r-responsabilita` o meno taghha ghal dak li sehh, b’mod li jekk ebda negligenza ma tista’ tinsab fil-kumpanija, allura ghandha tigi mehlusa minn kull responsabbilta`. Il-principju jfisser illi kieku stess jitqies pruvat li kien hemm in-negligenza ta’ terz mhux fil-kawza u li kkonkorriet man-negligenza tal-istess socjeta` konvenuta, il-konkluzjoni ma tkunx illi, fil-konfront tal-attur, il-konvenuta titqies responsabbli f’parti biss; f’kaz bhal dan l-attur ikollu dritt jikkonsegwi d-danni kollha minghand il-konvenuta, salv talvolta lil din, id-dritt li tindennizza ruha jekk tista’ minghand it-terz ghall-parti tieghu ghall-htija.

Dwar il-meritu tal-kaz, jirrizulta li l-kuntratt li hadet is-socjeta` kovenuta kellu jinbeda fl-1 ta’ Marzu 1995 u jispicca fis-17 ta’ Gunju, 1995. Fil-fatt, ix-xoghol beda fit-3 ta’ Marzu 1995, u spicca fit-tielet gimgha ta’ Novembru. Ix-xoghol kollu fuq it-triq, sa Awwissu, 1996, kien ghadu mhux lest! Fil-fehma tal-perit tekniku, iz-zmien progettat biex jitlestew ix-xoghlijiet kien ta’ ftit wisq, peress li x-xoghol kien wiehed impenjattiv u difficli, meta tqis li xi kanen kienu tqieghdu taht il-livell tal-bahar. Jista’ jkun li s-socjeta` konvenuta zbaljat meta accettat li twettaq il-kuntratt fi zmien hekk qasir, pero`, la darba impenjat ruhha li twettaq il-progett f’dak it-terminu, kellha tipprovdi

nies u materjal bizzejjed biex tikonkludi fi zmien prefiss u b'hekk tnaqqas l-inkonvenjent lin-nies ta' madwar.

Jidher mill-provi li ghall-parti mid-dewmien kienet tahti l-enti governattiva li ikkuntrattat ix-xoghol, peress li din naqset li tipprepara studju tad-dettalji tax-xoghol li kellhom isiru, tant li kellhom isirulu *extra work* u varjazzjonijiet. Is-socjeta` konvenuta, pero`, uriet negligenza kbira meta acettat li twettaq ix-xoghol f'temp ta' tlett xhur meta kienet taf li ma kellhiex disponibbli f'idejha d-dettalji tal-progett, u di piu`, meta dahlet ghax-xoghol minghajr ma ppjanat u qieset kif se twettaq il-progett fiz-zmien koncess u minghajr ma pprovdiet ghall-koncentrament ta' haddiema bizzejjed u fuq bazi regolari halli x-xoghol jitlesta' fiz-zmien stipulat. Kif irrelata l-perit tekniku, id-diffikultajiet inerenti f'dan il-progett *"kellhom jigu sorpassati b'xoghol intensiv biex jitlesta' dak li kellu jsir u titnaqqas l-inkonvenjenza li kienu qed isofru kemm ir-residenti tal-lokal kif ukoll l-attur li kien jaddebbixxi n-negozju tieghu f'din it-triq."* Ma jirrizultax li s-socjeta` konvenuta uriet dan l-impenn.

Kif intqal minn din il-Qorti fil-kawza **Fiorino d'Oro Co. Ltd v. Direttur tat-Toroq**, deciza fis-17 ta' Frar, 2006;

"Fil-kaz in dizamina il-kovenut hareg mill-gusti limiti meta ppermetta li x-xoghlijiet in kwistjoni jiehdu ferm aktar milli kien hemm bzonn u milli kien ragjonevoli, b'mod ghalhekk li huwa ghandu jaghmel tajjeb ghad-danni minnu kagunati minn dak l-istraripament fl-ezercizzju tad-dritt."

Hekk gara f'dan il-kaz, b'rizultat li l-inkonvenjent kien aktar milli mehtieg. Triq il-Pwales baqghet ghal zmien twil inaccessibli b'diffikultajiet minhabba t-trinek li kienu qed jinfethu, tajn li rrizulta wara l-maltemp u trab li kien qed jigi generat meta t-trinek ntradmu. Anke mehud kont tal-fatt li x-xoghol kien difficli, id-dewmien fit-tlestija tal-progett tahti ghalih – zgur in parte – is-socjeta` konvenuta u dan minhabba n-nuqqasijiet deskritti aktar qabel. La darba s-socjeta` konvenuta tahti in parte ghad-dewmien u din ma sejhitx in kawza min seta' kien responsabbli maghha ghal

dan id-dewmien, fil-konfront tal-attur, dan ghandu dritt jippercepixxi d-danni kollha mis-socjeta` konvenuta.

Ghar-rigward il-likwidazzjoni tad-danni, filwaqt li s-socjeta` konvenuta tilmenta li dawn kienu gholjin, l-attur, bl-appell incidentali tieghu, qed jitlob li dawn jizdiedu. Hu fatt li n-negozju li ghandu l-attur garrab telf b'rizultat tax-xoghlijiet imwettqa, u filwaqt li fl-interess socjali ghandu jbati parti minn dan it-telf, ghat-telf li garrab rizultat tad-dewmien esagerat biex jitlesta' x-xoghol ghandu jigi kkumpensat. L-attur, pero`, ma ressaqx la *audited accounts* u lanqas kopji tar-*returns* tal-*income tax* biex juri l-izbilanc li sofra rizultat tax-xoghlijiet. Hu esebixxa biss *financial statements* ippreparati mill-*accountant* li hadem fuq informazzjoni moghtija lilu mill-attur. Din il-Qorti, bhal l-ewwel Qorti qabilha, ma tantx hi konvinta dwar l-ezattezza ta' dawk l-*istatements.* Din il-Qorti tara wkoll li l-ewwel Qorti, meta giet biex tillikwida d-danni *arbitrio et boni viri,* ikkunsidrat tajjeb ic-cirkostanzi tal-kaz, fosthom il-fatt innegabbli ta' inaccessibilita` ghar-*restaurant*, il-fatt li mhux precizat meta l-inkonvenjent tnehha, u c-cirkustanza li meta negozju jiehu daqqa, irid jghaddi ftit zmien qabel ma l-istess negozju jirkupra l-klienti li jkun tilef. Kwindi din il-Qorti ma tarax li ghandha tiddisturba l-mod kif l-ewwel Qorti ezercitat l-arbitriju taghha u sejra tikkonferma s-somma minnha likwidata bhala kumpens.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi kemm mill-appell principali kif ukoll minn dak incidentali billi tichadom it-tnejn u tikkonferma *in toto* s-sentenza tal-ewwel Qorti.

L-ispejjez in prim istanza jibqghu kif decizi mill-ewwel Qorti, filwaqt li dawk relatati mal-procedura quddiem din il-Qorti jithallsu, kwantu dawk tal-appell principali, mis-socjeta` konvenuta AX Construction Ltd, u kwantu dawk tal-appell incidentali, mill-attur Joseph Busuttil.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------